MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 386/2010

**Adrian Mallia (I.D. Card Nru. 0309079M)**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Adrian Mallia permezz ta' liema jitlob lil Qorti sabiex: (i) prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li l-pretensjonijiet ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kif dedotti kontra tieghu fl-ittra ufficjali bin-Numru 3914/10 huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) konsegwentement tiddikjara li l-ammont li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta qed titlob minghandu mhux dovut; u (iii) tordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex tiddezisti milli tiehu proceduri ulterjuri fil-konfront tieghu; bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u

titlob li jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess Rikorrenti, ghaliex: (i) fl-ewwel lok ir-Rikorrenti ghandu jipprova dak minnu allegat fir-Rikors promotur; (ii) l-Awtorità hija successur ta' l-Awtorità precedenti u dan kif jirrizulta mill-Artikolu 38 tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) bl-ittra ufficjali mertu tal-kontestazzjoni r-Rikorrenti semplicement gie imwissi li ai termini tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, qed tigi imposta fuqu multa amministrattiva ta' €2.00 kuljum, liema multa sat-28 ta' Ottubru 2010 kienet tammonta ghal €784.00. Il-multa amministrattiva imsemmija ma tifformax parti mill-ammont dovut u rikjest fl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, izda fi kwalunkwe kaz din il-multa ma tikkostitwixxix uzura kif allegat mir-Rikorrenti; (iv) mill-file fil-pussess taghha relattiv ghall-vettura in kwistjoni ma jirrizultax li l-Awtorità inghatat l-avviz rikjest mill-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk l-ammont mitlub huwa dovut mir-Rikorrenti; u (v) ladarba dak pretiz mir-Rikorrenti ma jirrizultax u ladarba l-Awtorità ma inghatatx l-avviz rikjest mill-Ligi, ir-Rikorrenti obbligat ihallas l-ammont minnu dovut skond il-Ligi;

Rat illi waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011, ir-Rikorrenti ssolleva l-aggravju tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 57(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, liema aggravju però gie rtirat fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2011;
Semghet ix-xhieda moghtija mir-Rikorrenti waqt is-seduti ta' l-20 ta' Jannar 2011[1] u tas-7 ta' April 2011[2], u rat id-dokumenti minnu esebit, ossia Rapport tal-Pulizija datat 13 ta' Awissu 2002, markat bhala Dok. "AM1" a fol. 13 u 14 tal-process u zewg *cheques* mahruga minn Unipol Insurance Agency Ltd, flimkien markati Dok. "AM2" a fol. 19 u 20 tal-process. Semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011[3] u rat vera kopja ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 3914/10 datata 22 ta' Settembru 2010, a fol. 25 sa' 29 tal-process;

---

[1] Fol. 15 sa' 16 tal-process.
[2] Fol. 21 tal-process.
[3] Fol. 22 u 23 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010, ir-Rikorrenti gie interpellat mill-Awtorità intimata sabiex ihallas is-somma ta' €824.15 rapprezentanti drittijiet ta' licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LYN-781 dovuti mill-1 ta' Jannar 2003 sad-data ta' l-ittra. L-Awtorità intimata in oltre wissiet lir-Rikorrenti li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009 bdiet tiddekorri kontra tieghu multa amministrattiva ammontanti ghal €2.00 kuljum ai termini ta' l-Artikolu 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, liema multa sad-data ta' l-ittra ufficjali kienet tammonta ghal €668.00.

Ir-Rikorrenti jikkontesta t-talba ta' l-Awtorità intimata ghall-hlas tad-drittijiet ta' licenzja tac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LYN-781 dovuti mill-1 ta' Jannar 2003 u l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva ta' €2.00 kuljum b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009, in bazi ghas-segwenti pretensjonijiet: (i) id-drittijiet ta' licenzja ghac-cirkolazzjoni ghas-snin mitluba in gran parte ma jispettawx lill-Awtorità intimata ghaliex dak iz-zmien kienet ghadha ma gietx kostitwita u ghalhekk se mai trid taghti prova li kwalsiasi kreditu li kellha l-Awtorità regolatrici precedenti gie assenjat lilha skond il-Ligi; (ii) huwa pacifiku fil-gurisprudenza lokali li l-imposizzjoni ta' penali ghall-inadempjenza ta' obbligazzjoni di dare tikkostitwixxi uzura, u dan il-principju guridiku ghandu japplika wkoll meta l-penali tkun qed tigi imposta minn Awtorità pubblika; u (iii) il-vettura in kwistjoni insterqet u sar rapport relattiv mal-Pulizija f'Awissu 2002 u inghata avviz lid-Dipartiment jew Awtorità koncernata dak iz-zmien, u b'hekk huwa ma ghandu jhallas ebda multi jew pieni.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel kontestazzjoni tar-Rikorrenti, u cioè li d-drittijiet ta' licenzja ghac-cirkolazzjoni ghas-snin mitluba in gran parte ma jispettawx lill-Awtorità intimata ghaliex kienet ghadha ma gietx kostitwita u li l-istess Awtorità ghandha tipprova li l-kreditu ta' l-Awtorità regolatrici precedenti gie assenjat lilha skond il-Ligi, issir referenza ghall-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu giet kostitwita l-Awtorità intimata[4], u senjatament ghall-Artikoli 37(1) u (2) u 38 ta' dak il-Kapitolu tal-Ligi li jipprovdu: *Il-proprjetà u l-imprizi li huma tal-Awtorità Marittima ta' Malta jew tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u li kienu qeghdin jintuzaw minn xi wiehed jew wahda minnhom minnufih qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att*[5]*, jew li huma tal-Gvern u huma uzati minn xi wahda mill-imsemmija Awtoritajiet jew mill-imsemmi Dipartiment qabel l-imsemmija data, ghat-thaddim ta' xi wahda mill-funzjonijiet li b'dan l-Att qeghdin jigu trasferiti lil jew vestiti fl-Awtorità ghandhom, fid-data hawn aktar qabel imsemmija, bis-sahha ta' dan l-Att u minghajr ebda sigurtà ohra, jigu hekk trasferiti lil u vestiti fl-Awtorità taht l-istess titolu li bih kienu uzati jew inzammu mill-Awtorità Marittima ta' Malta jew mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili minnufih qabel id-data msemmija. … It-trasferiment u l-ghoti lill-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmija ghandhom jestendu ghal dik il-proprjetà u dawk l-imprizi kollha u, minghajr pregudizzju ghall-generalità hawn aktar qabel imsemmija, ghandhom jinkludu kull impjant, taghmir, apparat, strumenti, vetturi, vapuri, ingenji, xtut, mollijiet, piers, bankini, bini, strutturi, stallazzjonijiet, art, toroq, xoghlijiet, hazniet u proprjetà ohra, sew mobbli, sew immobbli, assi, setghat, jeddijiet u privileggi u kull haga mehtiega jew ancillari ghalihom jew li tkun lilhom tappartjeni, kif ukoll kull obbligu li jolqot jew ikollu x'jaqsam ma' xi proprjetà jew impriza minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew haga ohra hemm inkluza kif imsemmi aktar qabel…* [Artikolu 37(1) u (2); *Kull haga relatata ma' xi proprjetà jew impriza jew xi dritt jew obbligu trasferiti lill-Awtorità b'dan l-Att jew tahtu li tkun inbdiet minn jew taht l-*

[4] Artikolu 5 tal-Kap.499.
[5] 1 ta' Jannar 2010, Avviz Legali 349/2009.

*awtorità tal-Gvern, tal-Awtorità Marittima ta' Malta jew tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew tad- Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili qabel id-data tad-dhul fis-sehh ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, dik il-haga tista' titkompla u tintemm mill-Awtorità jew kif jigi awtorizzat minnha f'dik id-data jew wara dik id-data.*

Mill-imsemmija provvedimenti tal-Ligi johrog car li *inter alia* l-jeddijiet ta' l-Awtorità regolatrici precedenti gew trasferiti a favur l-Awtorità intimata u li din l-Awtorità kif kostitwita kellha u ghandha kull dritt tenforza dawn il-jeddijiet, fosthom permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stabbilit li l-Awtorità intimata kellha u ghandha dritt tipprocedi fil-konfront tar-Rikorrenti, jehtieg issa jigi stabbilit jekk id-drittijiet tal-licenzja ghall-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LYN-781 b'effett mill-1 ta' Jannar 2003 pretizi mill-istess Awtorità humiex bhala fatt dovuti mir-Rikorrenti, u konsegwentement jekk ghandux ikun soggett ghall-imposizzjoni ta' multa amministrattiva ai termini tar-Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LYN-781 hija registrata f'isem ir-Rikorrenti w ilha hekk registrata sa' minn Gunju 2002. L-ahhar licenzja li thallset fuq din il-vettura ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2002 u minn dak iz-zmien 'l hawn ma gietx imgedda[6]. Ir-Rikorrenti jghid illi l-vettura imsemmija insterqet minn quddiem id-dar ta' ommu f'Awissu 2002 u ta' din is-serqa ghamel rapport mal-Pulizija w avza lill-Awtorità kompetenti, li dak iz-zmien kienet l-ADT: *fis-16 ta' Awissu 2002 meta qomt filghodu biex immur ghax-xoghol ma sibtx il-karozza li kienet ipparkjata quddiem id-dar, li dak iz-zmien kont noqghod ma' ommi. Jiena dak il-hin stess kont mort naghmel rapport l-ghassa u qed nipprezenta fotokopja ta' dan ir-rapport li qed tigi immarkata Dok. "AM1". Wara li ghamilt ir-rapport l-ghassa dwar din is-serqa kont anki mort l-ADT u avzajthom b'dan. Il-vettura qatt ma nstabet u ma sirt naf xejn dwarha. L-*

---

[6] Xhieda moghtija minn Brian Farrugia waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011, fol. 22 u 23 tal-process.

*insurance kienu tawni l-flus ta' din il-vettura.* In kontro-ezami r-Rikorrenti kkonferma li *dakinhar li ghamilt ir-rapport mal-pulizija jiena kont mort immedjatament l-ADT. Kont tkellimt ma' persuna li kienet fl-information desk u nfurmajtu b'dak li gara. Kont ukoll urejtu r-rapport tal-pulizija izda tahuli lura. Imbaghad kien qalli li kont ser nircievi minghand l-ADT li kollox kien clear fir-rigward ta' din il-vettura izda tul iz-zmien kollu jiena ma rcevejt xejn*[7]*.*

Il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mir-Rikorrenti hija kredibbli u l-vettura verament insterqet u hut a d-debitu avviz lill-Awtorità intimata.

Il-prova li l-vettura nsterqet tirrizulta b'mod sodisfacenti mir-rapport tal-Pulizija esebit bhala Dok. "AM1" a fol. 13 u 14 tal-process u mic-*cheques* mahruga mill-assikurazzjoni tar-Rikorrenti, esebiti u flimkien markati bhala Dok. "AM" a fol. 19 u 20 tal-process. Apparte din il-prova, jirrizulta sodisfacentement ippruvat ukoll li r-Rikorrenti avza lill-Awtorità intimata b'din is-serqa. Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, spiega li f'tali cirkostanzi sid il-vettura misruqa jkollu jinforma *lill-Awtorità u dana jsir billi tmur fil-customer care u tkellem lill-persuna li jkun hemm hemmhekk. Naturalment l-impjegat ta' l-Awtorità ma jkunx jista' joqghod biss fuq dak li jghidlu l-individwu izda jkun irid konferma ta' dan u forma ta' rapport tal-pulizija. Generalment jinzamm l-original tar-rapport biex dan apparti tidhol informazzjoni fil-kompjuter ir-rapport u ssegwentement jinzamm fil-file ukoll. … Meta persuna taghti informazzjoni lill-Awtorità jekk din issir bil-miktub jircievu acknowledgment ta' l-ittra li tkun irceviet l-Awtorità izda jekk il-persuna tigi taghmel rapport jew taghti informazzjoni b'mod verbali ma tinghata xejn*[8]*.* Dan huwa dak li ghamel ir-Rikorrenti izda, ghal xi raguni l-persuna li kellem meta mar jaghti avviz tas-serqa ma rregistratx din l-informazzjoni fis-sistea ta' l-Awtorità bir-rizultat li fil-*file* tal-vettura in kwistjoni wkoll ma tnizzel xejn u baqa' jidher li l-vettura kienet ghadha fil-pussess tar-Rikorrenti bhala

[7] Xhieda moghtija mir-Rikorrenti waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011, fol. 15 u 16 tal-process.
[8] Xhieda moghtija minn Brian Farrugia waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011, fol. 22 u 23 tal-process.

*registered owner* u li l-licenzja ghac-cirkolazzjoni ma kenitx qed tiggedded.

Ta’ dan in-nuqqas da parte ta’ l-Awtorità però ma ghandux ibati r-Rikorrenti li qeda l-obbligu legali tieghu li jaghti avviz tas-serqa u ghalhekk ma ghandux ikun tenut ihallas drittijiet ta’ licenzja tac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LYN-781 b’effett mill-1 ta’ Jannar 2003 u lanqas ghandha tigi imposta fuq multa amministrattiva.

Raggunta din il-konkluzjoni l-Qorti mhux ser tittratta l-pretensjoni tar-Rikorrenti li l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva fuqu tikkostitwixxi uzura, stante li tali multa ma ghandhiex fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz partikolari tigi imposta fuqu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tar-Rikorrenti u tiddikjara li l-pretensjonijiet ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu rigward il-hlas ta’ drittijiet ta’ licenzja ghac-cirkolazzjoni fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LYN-781 b’effett mill-1 ta’ Jannar 2003, huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi r-Rikorrent ma huwiex tenut ihallas tali drittijiet ta’ licenzja ghac-cirkolazzjoni, u konsegwentement ma ghandhiex tigi imposta fuqu ebda multa amministrattiva.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------